**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Dokument ta' sessjoni*

**A10-0011/2024**

22.10.2024

*

# RAPPORT

dwar l-abbozz ta' direttiva tal-Kunsill dwar Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f'Ras il-Għajn Eċċessivi
(09925/2024 – C10-0002/2024 – 2023/0187(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Herbert Dorfmann

(Konsultazzjoni mill-ġdid – l-Artikolu 86 tar-Regoli ta' Proċedura)

(Proċedura simplifikata – l-Artikolu 52(1) tar-Regoli ta' Proċedura)

PR_CNS_LegAct_app

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit.
Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ..........6

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........8

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI ..........9

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-abbozz ta' direttiva tal-Kunsill dwar Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f'Ras il-Għajn Eċċessivi**
**(09925/2024 – C10-0002/2024 – 2023/0187(CNS))**

**(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (09925/2024),

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2023)0324),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tat-28 ta' Frar 2024[1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu reġa' ġie kkonsultat mill-Kunsill (C10-0002/2024),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 84 u 86 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A10-0011/2024),

1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;

2. Jistieden lill-Kunsill jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jitlob lill-Kunsill jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] Testi adottati, 28.2.2024, P9_TA(2024)0102 (Għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

# NOTA SPJEGATTIVA

Fit-28 ta’ Lulju 2023, il-Kunsill ikkonsulta lill-Parlament dwar proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f’Ras il-Għajn Eċċessivi[1].

Il-Parlament ta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta’ Frar 2024[2].

Fl-14 ta’ Mejju 2024, il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta’ direttiva[3].

Madankollu, minħabba differenzi fundamentali bejn it-test tal-Kummissjoni tad-19 ta’ Ġunju 2023 li l-Parlament ġie inizjalment ikkonsultat dwaru u t-test li ntlaħaq qbil unanimu dwaru fil-Kunsill, dan tal-aħħar iddeċieda li jerġa’ jikkonsulta lill-Parlament.

Skont it-test li ntlaħaq qbil dwaru mill-Kunsill, id-direttiva se tintroduċi ċertifikat diġitali komuni tal-UE ta’ residenza tat-taxxa (eTRC) u żewġ proċeduri rapidi li jikkomplementaw il-proċedura standard eżistenti ta’ rifużjoni għat-taxxi f’ras il-għajn, kif propost mill-Kummissjoni. Madankollu, l-iskadenzi għall-ħruġ tal-eTRC u s-sistema tar-rifużjoni rapida ġew estiżi, u b’hekk il-ħelsien mit-taxxa sar “anqas rapidu” milli kien previst oriġinarjament mill-proposta tal-Kummissjoni.

Bidla ewlenija hija l-eżenzjoni pprovduta lill-Istati Membri li diġà għandhom fis-seħħ sistema komprensiva tal-ħelsien mit-taxxa f’ras il-għajn u li għandhom suq finanzjarju relattivament żgħir, jiġifieri meta l-proporzjon tal-kapitalizzazzjoni tas-suq tagħhom ikun taħt il-livell limitu ta’ 1,5 % (kif irrapportat mill-ESMA).

Id-direttiva tintroduċi wkoll obbligu ta’ rapportar għall-intermedjarji finanzjarji, li se jkollhom jirreġistraw fir-reġistri nazzjonali stabbiliti skont din id-direttiva sabiex ikunu jistgħu jitolbu l-proċeduri rapidi. Il-Kunsill qabel li joħloq Portal Ewropew tal-Intermedjarji Finanzjarji Ċċertifikati biex jissimplifika l-proċedura.

Fl-aħħar nett, il-ftehim tal-Kunsill jestendi l-iskadenza oriġinali għad-dħul fis-seħħ tal-1 ta’ Jannar 2027, kif previst mill-proposta tal-Kummissjoni, sal-1 ta’ Jannar 2030.

Fl-ittra tiegħu li titlob konsultazzjoni mill-ġdid, il-Kunsill jitlob lill-Parlament jagħti l-opinjoni tiegħu malajr kemm jista’ jkun u sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Jannar 2024. Dan għaliex l-Istati Membri jixtiequ jibdew jaħdmu, flimkien mal-awtoritajiet tat-taxxa, mal-Kummissjoni u mal-partijiet ikkonċernati tan-negozju, fuq atti ta’ implimentazzjoni. Dawn l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom, pereżempju, jistabbilixxu formoli kompjuterizzati standard, inklużi l-arranġamenti lingwistiċi, u protokolli tekniċi, inklużi l-istandards ta’ sigurtà, għall-eTRC fil-livell tal-UE.

It-test li ntlaħaq qbil dwaru fil-Kunsill, għalkemm mhux kompletament konformi mal-opinjoni tal-PE, xorta jintroduċi proċess aktar rapidu ta’ ħelsien mit-taxxa meta mqabbel mal-

[1] 19.06.2023 COM(2023)0324 Il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f’Ras il-Għajn Eċċessivi.
[2] Ir-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-28 ta’ Frar 2024 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f’Ras il-Għajn Eċċessivi.
[3] L-abbozz ta’ direttiva tal-Kunsill dwar Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f’Ras il-Għajn Eċċessivi li ntlaħaq qbil dwaru fil-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-14 ta’ Mejju 2024 9925/24.

qagħda bħalissa. L-introduzzjoni ta' ċertifikat elettroniku ta' residenza tat-taxxa (eTRC) kellha l-appoġġ tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni.

B'mod ġenerali, il-ftehim milħuq mill-Kunsill mhuwiex biss pass fid-direzzjoni t-tajba lejn l-iffaċilitar tal-investimenti transfruntiera u t-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Jintroduċi wkoll xi miżuri importanti biex jiġu individwati każijiet ta' frodi jew abbuż potenzjali tat-taxxa b'rabta mat-taxxi f'ras il-għajn.

Madankollu, huwa ta' dispjaċir li l-Kunsill iddeċieda li jipposponi d-dħul fis-seħħ sal-2030, minħabba l-importanza attwali tat-tlestija tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, kif enfasizzaw dan l-aħħar ir-rapporti ta' Mario Draghi u Enrico Letta. Fl-interess taċ-ċertezza legali u fl-interess taċ-ċittadini li jkollhom proċess aktar rapidu ta' rifużjoni tat-taxxa f'ras il-għajn, il-Kunsill għandu jadotta malajr il-proposta COM(2023)0324 dwar Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f'Ras il-Għajn Eċċessivi.

Fid-dawl taż-żmien meħtieġ għat-traspożizzjoni tad-direttiva fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri u r-rieda politika li titħaffef l-adozzjoni tagħha, ir-rapporteur jipproponi li l-Parlament japprova l-proposta mingħajr emendi skont proċedura simplifikata mingħajr emendi (l-Artikolu 52 tar-Regoli ta' Proċedura).

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Ħelsien Aktar Rapidu u Aktar Sikur mit-Taxxi f'Ras il-Għajn Eċċessivi |
| **Referenzi** | 09925/2024 – C10-0002/2024 – COM(2023)0324 – C9-0204/2023 – 2023/0187(CNS) |
| **Data meta ġie kkonsultat il-PE** | 28.7.2023 |
| **Kumitat(i) responsabbli** | ECON |
| **Rapporteurs**<br>Data tal-ħatra | Herbert<br>Dorfmann<br>12.9.2024 |
| **Proċedura simplifikata - data tad-deċiżjoni** | 14.10.2024 |
| **Eżami fil-kumitat** | 14.10.2024 |
| **Data tal-adozzjoni** | 14.10.2024 |
| **Data tat-tressiq** | 22.10.2024 |